MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 1108/2002/1

**Emmanuel Degabriele**

**v.**

**Viset Malta plc**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata fl-4 ta' Ottubru, 2002 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-attur ippremetta illi huwa *ship-chandler* u ghandu negozju illi jissuplixxi *duty free supplies* minn *sea port* madwar Malta; illi l-attur fis-26 ta'

Jannar, 1997 ottjena licenzja minghand id-Dwana halli huwa jopera *a duty f[r]ee shop*; illi l-attivita` li jaghmel l-attur hija regolata permezz ta’ regolamenti hekk imsejha *Duty Free Shop Regulations* skond l-Avviz Legali bin-Numru 177 tas-sena 1991 hekk kif sussegwentement emendat permezz ta’ l-Avvizi Legali bin-Numri 60 tas-sena 1994 u l-Avviz Legali bin-Numru 136 tas-sena 2002 u dana mahrug mill-Ministru risponsabbli mill-Finanzi taht l-Att Numru XXXV ta’ l-1989; illi permezz ta’ l-Avviz bin-Numru 136 tas-sena 2002, dawn ir-regolamenti jikkontemplaw illi fid-definizzjoni ta’ ‘*duty free shop*’ jigu inkorporati wkoll *mobile facilities*; illi permezz ta’ l-izvilupp fir-regolamenti hawn fuq spjegati, l-attur jista’ jissuplixxi *duty free supplies* permezz ta’ *mobile facilities* u dana f’zoni specifici tax-xtut ta’ Malta fejn hemm il-*cruise terminals* u *passenger ferry terminals* dejjem sakemm jottempera ruhu mal-procedura hekk kif ikkontemplata fir-regolamenti hawn fuq indikati; illi s-socjeta` konvenuta dahlet fi ftehim mal-Gvern ta’ Malta fejn din is-socjeta` hadet b’cens temporanju x-xatt ta’ Pinto Wharf fil-Port il-Kbir u dana sabiex l-imsemmija art tigi zviluppata *f’International Cruise Liner Passenger Terminal* u *International Passenger Ferry Terminal* u sabiex isiru facilitajiet kumplimentari ghal dan; illi l-istess ftehim ta’ cens temporanju illi lahqet is-socjeta` konvenuta mal-Gvern ta’ Malta jipprovdi, *inter alia*, illi “*The said rights shall consist in the operation of the terminals and the carrying on, on and from the Quays, complementary passenger operations, subject to the obligation of the Emphyteuta to afford access, at no fee or other charge, on and from such Quays to licensed suppliers and service providers to vessels berthed alongside the said Quays.”*; illi l-attur qieghed jipprova jopera hekk kif taghtih is-sahh[a] l-ligi hekk kif hawn fuq spjegat u cioe` illi [jbiegh] *duty free supplies* permezz ta’ *mobile facilities* fis-*sea port* ta’ Pinto Wharf; illi s-socjeta` konvenuta mhux qed thalli lill-attur jopera hekk kif ghandu dritt taht l-istess Regolamenti u cioe` illi juza *mobile facilities* halli jissuplixxi *duty free goods*; illi dan mhux biss qed itellef lill-attur fl-operazzjoni ta’ l-attivita` tieghu hawn spjegata izda qieghed jirreka dannu u pregudizzju konsiderevoli lill-istess attur;

Dan premess l-attur talab lil dik il-Qorti li:-
1. prevja kull dikjarazzjoni ohra li din il-Qorti thoss li tkun necessarja u opportuna, tiddikjara illi l-attur ghandu kull dritt moghti lilu bil-ligi illi huwa jista' jopera *mobile facilities* ta' *duty free supplies;*

2. Tiddikjara illi l-istess attur jista' jikkonduci din l-attivita` fix-Xatt ta' Pinto Wharf fil-Port il-Kbir u anke f'dik il-parti tax-xatt illi giet koncessa lis-socjeta` konvenuta b'cens temporanju mill-Gvern ta' Malta;

3. Tordna lill-istess socjeta` konvenuta illi taghti access u thalli lill-attur jopera u jikkonduci l-attivita` tieghu ossia jopera *mobile facilities* biex jissuplixxi *duty free supplies* fix-Xatt ta' Pinto Wharf fil-Port il-Kbir.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta u rapprezentanti, diretturi u impjegati ta' l-istess socjeta` minn issa ingunti ghas-subizzjoni. Salv ghal kull azzjoni spettanti lill-attur, partikolarment dik ghad-danni.

B'nota prezentata fit-28 ta' Jannar, 2003 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-
1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur m'ghandu l-ebda dritt li jaccedi fil-proprjeta` tas-socjeta` konvenuta minghajr il-kunsens ta' l-istess socjeta` konvenuta kif qieghed jippretendi li ghandu.

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-attur ma jistax jiehu beneficcju mill-kuntratt t'enfitewsi temporanja ta' bejn il-Gvern ta' Malta u s-socjeta` konvenuta stante li ghall-istess attur dak il-kuntratt huwa *res inter alios acta*.

3. Illi r-rimedju li qieghed jitlob l-istess attur u cioe` li dina l-Onorabbli Qorti tordna li s-socjeta` konvenuta taghti access u thalli lill-attur jopera min fuq il-proprjeta` tas-socjeta` konvenuta ma jsib riskontru fl-ebda ligi tal-pajjiz anzi jmur kontra kull kuncett tad-dritt tal-proprjeta`.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tas-16 ta' Marzu, 2005 li permezz taghha, filwaqt li cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, laqghat l-ewwel eccezzjoni u b'hekk cahdet it-talbiet attrici u ordnat li fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza jkunu bla taxxa, u dana wara li qalet hekk:
"Illi l-ilment ta' l-attur f'din il-kawza hija li s-socjeta` konvenuta, illi nghatat b'koncessjoni enfitewtika minghand il-Gvern ta' Malta, ix-Xatt ta' Pinto, m'hijiex thallih jopera mix-xatt biex ikun jista' jbiegh prodotti li jkunu hielsa mill-hlas ta' dwana (*duty free goods*). L-attur qed isostni li s-socjeta` konvenuta, kienet intrabtet mal-Gvern illi xorta tibqa' thalli l-access ghal *licensed suppliers and service providers to vessels berthed alongside the said Quays*.

"Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi illi l-attur ma ghandu ebda dritt kif qed jippretendi hu. Fl-istess hin, intavolat zewg eccezzjonijiet ta' natura legali – it-tieni eccezzjoni li hija fis-sens li l-attur ma jistax jiehu beneficcju minn kuntratt bejn terzi u t-tielet eccezzjoni li t-talba ta' l-attur ma ghandha ebda riskontru legali.

"Il-Qorti thoss li jkun ahjar li l-ewwel tigi ezaminata t-tieni eccezzjoni. Hawnhekk is-socjeta` konvenuta qed isserrah ma' l-artikolu 1000 tal-Kap 16 li jghid;

"*Wiehed jista' wkoll jikkuntratta ghall-vantagg ta' terza persuna meta dan ikun il-mod jew kondizzjoni ta' patt li jaghmel ghalih innifsu, jew ta' donazzjoni jew ta' koncessjoni maghmulha minnu lil haddiehor; u l-persuna li taghmel dan il-patt ma tistax thassru jekk dik it-terza persuna tkun iddikjarat li tinqeda bih.*"

"Is-socjeta` konvenuta ssostni li dan l-artikolu ma japplikax (u allura l-eccezzjoni ghall-principju li l-kuntratt ghandu forza ta' ligi biss bejn il-partijiet ma tapplikax) ghaliex f'dan il-kaz it-terza persuna ma hijiex definita. Dan hu minnu ghaliex kif anke jidher mis-sentenzi li gew citati fin-noti estensivi tal-partijiet, dan l-artikolu japplika l-iktar ghall-kuntratt ta' assikurazzjoni fuq il-hajja, fejn il-beneficcjarju ikun imsemmi b'ismu. Mandankollu b'mod iktar generiku l-kuntratt jaghmel riferenza ghal certu tip ta' persuni u

cioe` dawk li huma licenzjati biex jipprovdu s-servizz indikat mill-artikolu tal-kuntratt fuq imsemmi. Lanqas il-Qorti ma taqbel illi l-azzjoni trid tigi bil-fors ezercitata kontra l-Gvern bhala stipulant, ghaliex is-socjeta` konvenuta akkwistat id-drittijiet taghha a bazi tal-kuntratt u kwindi huma bhala enfitewti saru l-proprjetarji temporanji tal-proprjeta` in kwistjoni (soggett ghall-kondizzjonijiet tal-kuntratt) u ghalhekk l-attur bil-fors irid jipprocedi kontra taghhom.

"Il-Qorti wkoll ma taqbilx li l-klawsola m'hijiex kondizzjoni tal-ftehim ghaliex hija parti ntegrali minnu. Il-Gvern kellu bil-fors jara li *una volta* qed icedi d-drittijiet tieghu fuq art pubblika, li dan it-trasferiment ma jikkostitwixxix problemi ghal certu servizzi li dak in-nhar kienu qed jinghataw – dwar kemm ghandu jkun estiz din il-limitazzjoni jigi ezaminat iktar il-quddiem. Fejn jirrigwarda l-accettazzjoni ta' dan il-beneficcju, is-socjeta` konvenuta zgur ma tistax tghid li l-attur b'xi mod wera li ma kienx ser jaccetta ghaliex altrimenti ma kienitx issir il-kawza. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"Fir-rigward ta' l-ahhar eccezzjoni, din ukoll qed tigi michuda ghaliex l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq it-terminu tal-kuntratt u ghalhekk jekk dan itih ragun, ma hemm ebda raguni li timpedih milli jaghmel it-talba tieghu. Dan ghaliex l-istess kuntratt jipprovdi ghal-limitazzjoni tad-dritt tal-proprjeta` ta' l-atturi (*recte*: konvenuti) u ghalhekk jekk l-attur jaqa' taht id-definizzjoni tal-persuni li jibqghalhom id-dritt jidhlu fil-parti tax-xatt in kwistjoni, din l-eccezzjoni ma jkollhiex iktar fondament. Il-kwistjoni li trid tiddeciedi l-Qorti ghalhekk hija jekk l-attur huwiex, fi zmien il-kuntratt *licensed supplier* jew *service provider to vessels berthed alongside the said quays.*

"L-attur kif gia' inghad ghandu licenzja li jiggestixxi hanut *duty free*. L-ittra tieghu tat-8 ta' Marzu, 2002 a fol-63 tal-process tispjega sew il-mod kif kien qed jiggestixxi dan in-negozju. Fil-fatt huwa talab lill-Kontrollur tad-Dwana, il-permess li jkun jista' jbiegh lill-passiggieri qabel ma jitilghu fuq il-vapur. Ippropona li qabel jidhol fl-*area* imsemmija, l-oggetti li jkun ser ibiegh, jigu vverfikati minn ufficjali tad-

dwana li jkunu *duty free goods*. Din it-talba tieghu ma gietx accettata (Fol 65) minhabba l-proceduri vigenti.

“Fil-fehma tal-Qorti, il-punt kardinali illi jrid jigi deciz f’din il-kawza huwa jekk meta l-kontraenti ghall-koncessjoni enfitewtika u cioe` is-socjeta` konvenuta u l-Gvern inkludew il-kondizzjoni imsemmija, kellhomx fi hsiebhom li jipprotegu n-negozju ta’ persuni bhall-attur jew inkella li l-bzonnijiet l-iktar importanti u necessarji ta’ vapur ikunu assigurati u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ma tkunx tista’ wara l-koncessjoni timpedixxi jew tostakola li jigu fornuti dawn il-bzonnijiet. Billi ma saret ebda prova dwar dan, wiehed bil-fors irid jezamina l-kuntratt sewwa.

“Il-Qorti thoss li jkun ahjar jekk jigi citat l-artikolu (jew klawsola) kollu a Fol. 26, illi jghid li s-socjeta` konvenuta ottjeniet id-dritt li topera *the undermentioned commercial and other activities and the Government binds itself not to operate such activities thereon itself or to allow others to do the same. The said rights shall consist in the operation of the terminals and the carrying on, on and from the quays, complimentary passenger operations, subject to the obligation of the emphyteuta to afford access at no fee or other charge on and from such Quays to licensed suppliers and service providers to vessels berthed alongside the said Quays.*

“Fil-fehma tal-Qorti, dan l-artikolu jindika li l-kontraenti kellhom f’mohhom li s-socjeta` konvenuta ma timpedixxi ebda operazzjoni li tkun necessarja ghas-servizz tal-vapur. Huwa maghruf li l-kuntratt huwa Ligi bejn il-partijiet u ghalhekk japplika l-principju *ubi voluit dixit.* Il-klawsola msemmija tghid li s-servizz irid jinghata lill-<u>vapur</u> u mhux lill-passiggieri u l-Qorti ma tistax testendiha fejn tali estensjoni ma tezistix. Il-Qorti din il-fehma iktar issahhahha mill-fatt li l-klawsola hija limitazzjoni tad-dritt li kienet qed takkwista s-socjeta` konvenuta bhala enfitewta u ghalhekk ukoll in forza ta’ principju iehor legali, tali limitazzjoni tad-dritt ta’ proprjeta` b’ebda mod ma tista’ tigi estiza permezz ta’ interpretazzjoni.

"Jidher ukoll li l-attur dan fehmu wkoll ghaliex fil-waqt li fil-premessi tac-citazzjoni tieghu, jiddeskrivi ruhu bhala *ship-chandler*, fit-talbiet tieghu, imbaghad qed jitlob li jithalla *jopera mobile facilities* ta' *duty free supplies* u wkoll li *jissuplixxi duty free supplies.* Dan ghaliex naturalment kieku vera huwa *ship-chandler* (li l-funzjoni tieghu hija li jissuplixxi lill-vapur bil-bzonnijiet tieghu), kien jikkwalifika taht id-deskrizzjoni fuq imsemmija u cioe` li jaghti servizz lill-vapur. Fil-fatt l-attur mhuwiex *ship-chandler* izda bejjiegh ta' oggetti esenti mid-dazju u allura fil-fehma tal-Qorti ma jikkwalifikax bhala persuna li s-socjeta` konvenuta ma tistax iz[z]ommu milli jidhol fil-parti tax-xatt li giet koncessa lilha in enfitewsi. Dan avolja wiehed jista' jissimpatizza ma' l-attur li minhabba l-koncessjoni ta' art pubblika lill-entita` kummercjali, qed jigi ostakolat milli jkompli jesercita n-negozju tieghu bhal ma kien jaghmel qabel - izda l-Qorti ma tistax tidhol f'dawn il-materji u l-attur jista' jkollu rimedji ohra a disposizzjoni tieghu f'dan l-ambitu."

**L-appelli.**

Mis-sentenza fuq riportata gew intavolti zewg appelli u cioe` dak principali ta' l-attur u dak incidentali intavolat mis-socjeta` konvenuta.

L-attur qed jitlob li s-sentenza fuq imsemmija tigi varjata u modifikata u dana billi filwaqt li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti taghha fejn cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellata, thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza appellata fejn hija cahdet it-talbiet attrici u laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` appellata u konsegwentement tilqa' it-talbiet attrici u tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

Is-socjeta` konvenuta filwaqt li intavolat risposta ghall-appell ta' l-attur fejn talbet li s-sentenza appellata, inkwantu tikkoncerna l-ewwel eccezzjoni minnha sollevata, ghandha tigi konfermata, talbet, permezz ta' l-appell incidentali taghha pprezentat kontestwalment, li,

ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirriforma s-sentenza precitata billi:
(1) tirrevokaha u thassarha in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta; u

(2) tikkonfermaha in kwantu l-istess Onorabbli Qorti laqghet ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cahdet it-talbiet attrici.

U dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**L-aggravji ta' l-attur appellant.**

F'pagna erbgha tar-rikors ta' l-appell l-attur ighid hekk:
"Illi l-appellant qed jillimita dan l-appell tieghu ghal dik il-parti tas-sentenza applellata li tirrigwarda l-kwistjoni jekk l-attur appellant huwiex fi kliem il-kuntratt '*licensed supplier jew service provider to vessels berthed alongside the quay*.'

L-attur appellant ikompli hekk:

"Hawnhekk l-appellant ma jaqbilx maz-zewg interpretazzjonijiet li tat l-ewwel Qorti. L-ewwel wahda dik li hija tat lill-kuntratt fejn hija qed isostni li l-kuntratt kien intiz illi jkopri biss lill-vapur ['vessel'] u m'hux lill-passiggieri u fit-tieni lok meta l-ewwel qabdet u iddecidiet illi l-attur m'huwiex 'ship-chandler' izda huwa biss 'duty free supplier'.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

**Dwar l-ewwel aggravju – il-kuncett ta' 'vessel'.**

Il-parti relevanti tal-kuntratt tat-22 ta' Novembru, 2001 bejn il-Gvern ta' Malta u s-socjeta` Viset Malta p.l.c. li qajmet id-disgwid bejn il-partijiet in kawza tinsab fit-tieni paragrafu tal-klawsola 1a (fol. 6 tal-kuntratt u fol. 26 tal-process). Fost affarijiet ohra mhux relevanti ghad-dibatitu prezenti jinghad hekk f'dan il-paragrafu:

"The said rights (derivanti mill-koncessjoni enfiteutika mertu tal-kuntratt imsemmi) shall consist in the operation of the terminals and the carrying on, on and from the Quays, complementary passenger operations, <u>subject to the obligation of the Emphyteuta to afford access, at no fee or other charge, on and from such Quays to licensed suppliers and service providers to vessels berthed alongside the said Quays.</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti)

In virtu` ta' dan l-obbligu impost fuq is-socjeta` konvenuta fil-koncessjoni enfitewtika li l-attur qed jivvanta d-drittijiet tieghu fil-proceduri odjerni billi, fil-premessi tac-citazzjoni wara li saret referenza ghar-regolamenti li jippermettu n-negozju ta' provvista ta' *duty free goods* u, in segwitu, gie citat dan il-bran mill-kuntratt imsemmi, l-attur ighid li huwa "*qieghed jipprova jopera hekk kif taghtih is-sahha tal-ligi hekk kif hawn fuq sjegat* (dana inkwantu l-attur huwa licenzjat biex ibiegh merkanzija ezenti mid-dazju) *u cioe` illi [ibiegh] duty free supplies permezz ta' mobile facilities fis-sea port ta' Pinto Wharf …. Illi s-socjeta` konvenuta m'hux qed thalli lill-attur jopera hekk kif ghandu dritt taht l-istess Regolamenti u cioe` illi juza mobile facilities halli jissuplixxi duty free goods.*" Fuq dawn il-premessi jidher li l-attur sussegwentement talab li l-Qorti "*tiddikjara illi l-istess attur jista` jikkonduci din l-attivita` fix-Xatt ta' Pinto Wharf fil-Port il-Kbir u anke f'dik il-parti illi giet koncessa lis-socjeta` konvenuta b'cens temporanju mill-Gvern ta' Malta*" u li konsegwentement "*tordna lill-istess socjeta` konvenuta illi <u>taghti access u thalli lill-attur jopera u jikkonduci l-attivita` tieghu ossia mobile facilities biex jissuplixxi duty free supplies fix-Xatt ta' Pinto Wharf fil-Port il-Kbir.</u>*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, liema eccezzjoni giet milqugha mill-Qorti ta' Prim Istanza fis-sentenza hawn fuq riportata, tishaq fuq l-infondatezza tat-talba attrici billi, skond is-socjeta` konvenuta, "*l-attur ma ghandu ebda dritt li jaccedi fil-proprjeta` tas-socjeta` konvenuta minghajr il-kunsens ta' l-istess socjeta` konvenuta kif qieghed jippretendi li ghandu.*" Infatti jidher li dan il-kunsens gie michud fl-ittra tat-3 ta' Settembru, 2002 (fol. 75) mibghuta minn Dr Louis Degabriele ghas-socjeta`

konvenuta lil Dr Jose` Herrera, konsulent legali ta’ l-attur, b’risposta ghall-ittra ta’ l-istess Dr Herrera tat-8 ta’ Awissu, 2002. F’din l-ittra, li jidher li giet redatta b’certa hsieb, Dr Degabriele, ghall-klient tieghu, ighid hekk:
“Your client claims that he has been supplying ships with supplies in the ordinary course of his business. My clients have no objection to your client continuing to operate his business as he has hitherto operated same, provided that he abides by the terms and conditions that our clients, as managers of the quays, may impose for the sake of security and better management. It seems however that your client wishes to go beyond what he has been doing in the ordinary course of his business and has requested to be allowed by our clients to operate a mobile unit on the quays for duty-free supplies to passengers. ……….. [our clients] cannot for the moment entertain your client’s request to provide duty free sales from the quays.” (sottolinear ta’ din il-Qorti)

Din ic-cahda “temporanja” da parti tas-socjeta` konvenuta kienet, dak in-nhar, motivata mill-fatt li kienu qed isiru xogholijiet strutturali fuq il-mollijiet u ghalhekk il-kumpanija konvenuta hasset li “*At this point in time of the project and particularly in the light of the impending construction works, our clients have not as yet decided on a strategy for future duty free sales to cruise liner passengers ….*”[1] (sottolinear ta’ din il-Qorti)

Kif jixhdu dawn il-proceduri li gew istitwiti xahar wara li intbaghet l-ittra ta’ Dr. Degabriele, l-attur hassu li kien qed jigi diskriminat bl-eventwali telf ta’ negozju u, kif rajna aktar ’il fuq, adixxa l-Qorti biex jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja dwar id-dritt tieghu li jopera minn Pinto Wharf. Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar din il-kwistjoni u cioe` jekk il-klawsola citata fil-koncessjoni enfitewtika kinitx intiza li tissalvagwarda n-negozju ta’ l-attur bhala *supplier of duty-free goods and services* minn *mobile facilities*, jew jekk kinitx intiza biex thares il-bzonnijiet l-iktar importanti u necessarji ta’ vapur, l-ewwel Qorti qalet hekk:

[1] Ara ittra 3 ta’ Settembru, 2002 fol. 75 tal-process.

"*Fil-fehma tal-Qorti, dan l-artikolu jindika li l-kontraenti* (cioe` l-Gvern ta' Malta u s-socjeta` Viset) *kellhom f'mohhom li s-socjeta` konvenuta ma timpedixxi ebda operazzjoni li tkun necessarja ghas-servizz tal-vapur.*(enfazi ta' din il-Qorti) *Huwa maghruf li l-kuntratt huwa Ligi bejn il-partijiet u ghalhekk japplika l-principju* ubi voluit dixit*. Il-klawsola msemmija tghid li s-servizz irid jinghata lill-vapur u mhux lill-passiggieri u l-Qorti ma tistax testendiha fejn tali estensjoni ma tezistix. Il-Qorti din il-fehma iktar issahhahha mill-fatt li l-klawsola hija limitazzjoni tad-dritt li kienet qed takkwista s-socjeta` konvenuta bhala enfitewta u ghalhekk ukoll in forza ta' principju iehor legali, tali limitazzjoni tad-dritt ta' proprjeta` b'ebda mod ma tista' tigi estiza permezz ta' interpretazzjoni.* (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-attur appellant sab oggezzjoni ghal din il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti billi qed jissottometti li, gialadarba ebda parti ma ressqet prova dwar l-intenzjoni tal-partijiet, l-ewwel Qorti ma setghetx "*taghmel interpretazzjoni gudizzjarja*". Ma' din is-sottomissjoni din il-Qorti ma taqbilx tant hu hekk li minn qari akkurat ta' dik il-parti tas-sentenza hawn fuq riprodotta jidher car li l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda interpretazzjoni ta' l-intenzjoni tal-partijiet. Tali interpretazzjoni kienet ikun mehtiega kemm-il darba l-kliem uzat ma kienx car jew jekk, bhala rizultat ta' provi prodotti, kien jidher li l-kliem uzat ma kienx jirrispekkja dak li xtaqu l-partijiet. Ghal kuntrarju l-ewwel Qorti qaghdet fuq it-test tal-klawsola kuntrattwali fuq imsemmija u, ghar-ragunijiet imsemmija fl-estratt riportat, eskludiet kategorikament kull possibilita` ta' interpretazzjoni, kif del resto kellha taghmel la darba wiehed mill-kontraenti fl-imsemmi kuntratt, u cioe` l-Gvern ta' Malta, ma kienx parti f'dawn il-proceduri. Kien ukoll skorrett l-attur, fis-sottomissjonijiet tieghu fir-rikors ta' appell, meta qal li kien jinkombi s-socjeta` konvenuta li ggib prova ta' l-intenzjoni tal-partijiet. Il-kliem uzat fil-kuntratt huwa car, u ghalhekk la kien jippermetti interpretazzjoni u lanqas ma kien hemm xi obbligu da parti tas-socjeta` konvenuta li tipproduci provi biex tikkorrobora dak li jinghad fil-kuntratt. Jekk l-attur kien qed jippretendi, kif issa qed jigi sottomess f'dan l-appell, li l-klawsola in kwistjoni kienet tfisser xi haga ohra

oltre dak li jirrizulta mill-kliem uzat, kien jinkombi lill-istess attur appellant li jgib din il-prova. Haga li effettivament ma ghamilx.

Fl-istess kuntest l-attur appellant qed ighid li hu ma jaqbilx ma' l-interpretazzjoni tal-kelma 'vessel' uzata fil-klawsola imsemmija. L-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni restrittiva lill-kelma 'vessel' billi, skond hu, il-Qorti kellha tinkludi fil-kuntest ta' servizzi moghtija lil vapur dawk is-servizzi moghtija lill-passiggieri u ekwipagg ta' l-istess bastiment. Din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-argument huwa kompletament zbaljat u lanqas biss jimmerita li jigi kunsidrat minn din il-Qorti. Izda ghal kjarezza ghandu jinghad li hemm distinzjoni netta bejn servizzi moghtija lill-vapur u bejgh ta' *duty-free goods* lill-passiggieri u lill-ekwipagg*.* Filwaqt li dawk is-servizzi mehtiega mill-vapur huma moghtija minn l-hekk imsejha "*ship chandlers*" u cioe` dawk in-nies li jipprovdu l-bastiment bil-htigijiet kollha tieghu biex jkun jista' jsalpa, il-bejgh ta' *duty-free goods* huwa negozju, bid-dettal, indirizzat lid-diversi persuni li jkunu fuq il-vapur u li jkunu jridu jibbenefikaw mill-ezenzjoni tad-dazju fuq merca li tigi spaccjata bil-kunsens, approvazzjoni u kontroll tal-Kontrollur tad-Dwana. Issa jidher car li r-restrizzjoni imposta mill-Gvern, *qua* koncedent tat-titolu lis-socjeta` konvenuta, kienet limitata ghal dawk is-servizzi li generalment jinghataw lill-bastimenti minn *ship chandlers* u mhux lil persuni li jbiegh bl-imnut lid-diversi passiggieri u membri ta' l-ekwipagg ta' l-istess bastiment. Jidher ghalhekk li, li tghid li bastiment jekwipara passiggieri u ekwipagg, u vice versa, anke jekk il-bastiment ghandu l-ghan ewlieni tieghu li jgorr passiggieri, huwa xejn hlief il-prodott ta' imaginazzjoni fertili hafna.

In vista tal-premess din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti u tiddikjara dan l-aggravju bhala mhux gustifikat.

**Dwar it-Tieni aggravju – "il-funzjoni ta' l-attur".**

B'dan l-aggravju l-attur qed jilmenta fuq l-konstatazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti li huwa, cioe` l-attur, ma ghandux il-

veci ta' *ship chandler*. Dwar dan pero` din il-Qorti hija tal-fehma li huwa totalment irrilevanti jekk l-attur, oltre l-permess li jopera *a duty-free mobile facility,* ghandux ukoll licenzja biex jopera bhala *ship chandler.* Dan ghaliex it-talba fic-citazzjoni hija limitata ghall-kundanna tas-socjeta` konvenuta biex l-attur jithalla jidhol fix-Xatt ta' Pinto biex jopera "*mobile facilities*". Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkunsidra din il-kwistjoni; dan apparti l-fatt li, kif jidher mill-ittra ta' Dr Louis Degabriele tat-3 ta' Settembru, 2002, hawn fuq imsemmija u citata in extenso, is-socjeta` konvenuta ma kienet qed tressaq ebda oggezzjoni li l-attur jidhol fix-Xatt ta' Pinto u jopera ta' *ship-chandler.* Dan l-access l-istess socjeta` konvenuta kienet intrabet li tikkoncedi a tenur tal-kuntratt enfitewtiku.

Dan l-aggrajvu ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Gialadarba l-aggravji ta' l-attur appellant mhux qed jigu akkolti u konsegwentement l-appell tieghu ser jigi michud, din il-Qorti ma tara ebda utilita` li tikkonsidra u tiddecidi l-appell incidentali mressaq mis-socjeta` konvenuta billi dan jkun biss ezercizzju akkademiku, gialadarba l-appell principali ser jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata anke fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez kif decizi billi, f'dan ir-rigward, ma sar ebda appell mis-socjeta` konvenuta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-appell incidentali, din il-Qorti tichad l-appell ta' l-attur u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellant, hlief ghal dawk ta' l-appell incidentali li jibqghu bla taxxa lejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------